

(2) *Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG* hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 260, 11.10.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Rubinstein u L'Oréal vs UASI — Allergan (BOTOLIST u BOTOCYL)

(Kawżi magħquda T-345/08 u T-357/08) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade marks Komunitarji verbali BOTOLIST u BOTOCYL — Trade marks nazzjonali figurattivi u verbali preċedenti BOTOX — Raġuni relattiva għal rifjut — Effett ħażin fuq ir-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009)”

(2011/C 46/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Helena Rubinstein SNC (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u J. Pagenberg, avukati) (Kawża T-345/08); u L'Oréal SA (Pariġi) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u J. Pagenberg, avukati) (Kawża T-357/08)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Allergan, Inc. (Irvine, California, l-Istati Uniti)

Suġġett

Fil-Kawża T-345/08, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Mejju 2008 (Każ R 863/2007-1), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni bejn Allergan, Inc. u Helena Rubinstein SNC, u, fil-Kawża T-357/08, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Ġunju 2008 (Każ R 865/2007-1), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni bejn Allergan, Inc. u L'Oréal SA.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- (2) Helena Rubinstein SNC hija kkundannata għall-ispejjeż fil-Kawża T-345/08.
- (3) L'Oréal SA hija kkundannata għall-ispejjeż fil-Kawża T-357/08.

(¹) ĠU C 272, 25.10.2008

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2010 — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli vs UASI (Forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra)

(Kawża T-346/08) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”

(2011/C 46/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG (Kilchberg, l-Isvizzera) (rappreżentanti: R. Lange, E. Schalast u G. Hild, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Ġunju 2008 (Każ R 943/2007-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' qanpiena b'żigarella ħamra bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 260, 11.10.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2010 — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli vs UASI (Forma ta' fenek taċ-ċikkulata)

(Kawża T-395/08) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' fenek taċ-ċikkulata — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009)”

(2011/C 46/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG (Kilchberg, l-Isvizzera) (rappreżentanti: R. Lange, E. Schalast u G. Hild, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Lulju 2008 (Każ R 419/2008-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' fenek taċ-ċikkulata bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Chocoladefabriken Lindt Sprüngli AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 313, 06.12.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2010 — Storck vs UASI (Forma ta' ġurdien taċ-ċikkulata)

(Kawża T-13/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' ġurdien taċ-ċikkulata — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Drittijiet tad-difiża”)

(2011/C 46/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: August Storck KG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Goldenbaum, T. Melchert u I. Rohr, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn G. Schneider, sussegwentement minn G. Schneider u R. Manea, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Novembru 2008 (Każ R 185/2006-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' ġurdien taċ-ċikkulata bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) August Storck KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 69, 21.03.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Ilink Kommunikationssysteme vs UASI (ilink)

(Kawża T-161/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ilink — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 46/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ilink Kommunikationssysteme GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Schütze, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Frar 2009 (Każ R 1849/2007-4), dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali ilink bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Ilink Kommunikationssysteme GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 153, 04.07.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2010 — Amen Corner vs UASI — Comercio Electrónico Ojal (SEVE TROPHY)

(Kawża T-192/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SEVE TROPHY — Trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti Seve Ballesteros Trophy u SEVE TROPHY — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Nuqqas ta' xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Nuqqas ta' arrikiment indebitu min-natura distintiva jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti u nuqqas ta' ħsara kkawżat lilhom — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 46/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Amen Corner, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. A. Calderón Chavero u T. Villate Consonni, avukati)